MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 2247/2004

**Mobisle Communications Limited**
**vs**
**Mc Cormick Lynn Marie**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm1082.57), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 2001 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru 2001 u Jannar 2002.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm1082.57), bl-imghax legali mill-21 ta' Ottubru, 2004 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2004, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------